MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 100/2014

**Executive Services Limited (C 6533)**

**vs.**

**Alessandro Bianchi K.I. 450865 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi fejn is-soċjetà attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u tlieta u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€743.40) premess:

> Illi hija kreditriċi tal-intimat fl-ammont ta' seba' mija u tlieta u erbgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€743.40) rappreżentanti użu ta' servizz provdut mis-soċjetà esponenti u cioe riklamar fuq ordni tiegħu stess sabiex jidher f'rivista lokali;

> Illi għalkemm l-intimat ġie formalment interpellat permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 2549/13 datata 29 ta' Ottubru 2013 huwa xorta baqa' inadempjenti;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u tlieta u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€743.40), bl-imgħax legali dekorribbli mid-29 ta' Ottubru 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 2549/13, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------